II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1118

tas-26 ta' Marzu 2021

li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija li għandha tintuża mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jiġi stmat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-rekwiżit ta' riżerva kombinat għal entitajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni fejn il-grupp ta' riżoluzzjoni mhuwiex soġġett għal dawk ir-rekwiżiti skont dik id-Direttiva

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45c(4) tagħha,

Billi:

(1) Ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-rekwiżit ta' riżerva kombinat definit fl-Artikolu 128, l-ewwel subparagrafu, il-punt (6) ta' dik id-Direttiva huma inputs għall-kalkolu tal-ammonti ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 45c(3) tad-Direttiva 2014/59/UE. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jintużaw mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jistabbilixxu r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) imsemmi fl-Artikolu 45(1) ta' dik id-Direttiva.

(2) Skont l-Artikolu 45e(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkonformaw mal-MREL fuq bażi konsolidata fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni. Grupp ta' riżoluzzjoni kif definit fl-Artikolu 2(1), (83b) tad-Direttiva 2014/59/UE jista' jkun li mhux dejjem ikun identiku għal grupp kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (26) ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari meta tali grupp ikun magħmul minn aktar minn grupp ta' riżoluzzjoni wieħed. Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali u r-rekwiżit ta' riżerva kombinat japplikaw għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp. Madankollu, jista' jkun li dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni minħabba li l-grupp ta' riżoluzzjoni jista' jkun ma jkoprix il-grupp kollu. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata metodoloġija biex jiġu stmati r-rekwiżiti għal dik is-sitwazzjoni.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

([2]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(3) Fiċ-ċirkostanza li l-iskopertura totali għar-riskju ta' grupp ta' riżoluzzjoni tkun kważi tirrappreżenta l-ammont totali ta' skopertura għar-riskju ta' grupp, dan ikun jindika li r-riskji jew l-elementi ta' riskju preżenti f'dak il-grupp ta' riżoluzzjoni ma jkunux materjalment differenti minn dawk li hemm fil-grupp. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tuża r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li japplika għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp bħala stima tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali meta tiddetermina l-MREL li japplika għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

(4) Bl-istess mod, iċ-ċirkostanza li l-iskopertura totali għar-riskju ta' grupp ta' riżoluzzjoni tista' tkun attribwita kważi kollha kemm hi lil entità waħda ta' dak il-grupp ta' riżoluzzjoni hija indikazzjoni li r-riskji jew l-elementi ta' riskju preżenti f'dak il-grupp ta' riżoluzzjoni mhumiex materjalment differenti minn dawk preżenti f'dik l-entità tal-grupp ta' riżoluzzjoni. Għaldaqstant, meta l-iskopertura totali għar-riskju tal-grupp ta' riżoluzzjoni ma tvarjax b'mod sinifikanti minn dak tal-akbar entità ta' dak il-grupp ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tuża r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali ta' dik l-akbar entità bħala stima tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali meta tiddetermina l-MREL għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

(5) Meta grupp ta' riżoluzzjoni jkun aktar kumpless u l-ispeċifiċitajiet tiegħu ma jkunux jistgħu jinqabdu għalkollox billi jiġi kkupjat ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li japplika jew għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp jew għall-akbar entità fil-grupp ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jużaw stimi differenti għar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni. Meta r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li japplika għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp ikun ogħla mir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali ta' kull entità tal-grupp ta' riżoluzzjoni, ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li japplika għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp jenħtieġ li jservi bħala bażi għall-istima tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti, ifittxu li jaġġustaw dik l-istima biex tirrifletti r-riskji speċifiċi tal-grupp ta' riżoluzzjoni meta mqabbla mar-riskji tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp. Dan l-aġġustament jenħtieġ li jqis li jista' jkun li xi riskji tal-grupp ta' riżoluzzjoni ma jkunux preżenti f'entitajiet oħra tal-grupp li mhumiex parti mill-grupp ta' riżoluzzjoni jew li xi riskji li jkunu preżenti f'dawk l-entitajiet tal-grupp ma jkunux preżenti fil-grupp ta' riżoluzzjoni nnifsu.

(6) Iċ-ċirkostanza li rekwiżit individwali wieħed jew aktar fi ħdan il-grupp ta' riżoluzzjoni jkunu ogħla mir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li japplika għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp hija indikazzjoni ta' riskji jew elementi ta' riskju idjosinkratiċi fi ħdan il-grupp ta' riżoluzzjoni. Dawk ir-riskji jew elementi ta' riskju idjosinkratiċi jistgħu jkunu inqas importanti meta jitqiesu fil-grupp f'livell konsolidat, pereżempju minħabba li jistgħu jiġu kkumpensati minn fatturi ta' riskju kumpensatorji barra mill-grupp ta' riżoluzzjoni. Sabiex jiġi stmat ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ għalhekk li kull meta din iċ-ċirkostanza sseħħ, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqabbel stima bbażata fuq l-aġġustamenti għar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li japplikaw għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp ma' stima bbażata fuq medja ponderata tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali tal-entitajiet kollha tal-grupp ta' riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tuża l-istima li tagħti l-ogħla rekwiżit bħala input biex jiġi ddeterminat l-MREL għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

(7) Sabiex jiġi stmat ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni għal gruppi aktar kumplessi, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, fejn possibbli, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti, jaġġustaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp biex jirriflettu li xi riskji jew elementi ta' riskju koperti minn dak ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali mhumiex rilevanti għall-grupp ta' riżoluzzjoni kkonċernat, pereżempju minħabba n-natura jew il-pożizzjoni ġeografika tagħhom. Jenħtieġ ukoll li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, fejn possibbli, u skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti, jagħmlu aġġustamenti għal dak ir-rekwiżit biex jitqies li xi riskji jew elementi ta' riskju tal-grupp ta' riżoluzzjoni ma jkunux riflessi għalkollox f'dak ir-rekwiżit jew li jkunu nnettjati fih, iżda li xorta waħda jkunu rilevanti għall-grupp ta' riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-aġġustamenti kollha jkunu bbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fejn disponibbli, minħabba li dawn l-awtoritajiet huma responsabbli biex jistmaw ir-riskji kontinwi li l-entitajiet ta'

grupp ikunu esposti għalihom. Meta tali aġġustamenti ma jkunux possibbli, jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tuża r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali mhux aġġustat tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp biex tistma r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

(8) Ir-rata tar-riżerva ta' konservazzjoni tal-kapital ma tvarjax bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li tintuża din ir-rata bħala stima tar-riżerva ta' konservazzjoni tal-kapital tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

(9) Sabiex tiġi riflessa l-istruttura ppjanata tal-grupp wara l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta, ir-rekwiżiti ta' riżerva mmirati biex jindirizzaw ir-riskju sistemiku, jiġifieri, ir-riżerva ta' istituzzjoni globali sistemikament importanti, ir-riżerva ta' istituzzjoni oħra sistematikament importanti u r-riżerva għal riskju sistemiku, jenħtieġ li awtomatikament jitqiesu identiċi għar-rekwiżiti stabbiliti għall-entità li hija l-eqreb, f'termini tal-iskopertura totali għar-riskju, għall-grupp ta' riżoluzzjoni.

(10) Skont l-Artikolu 45c(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-punt (ii), tad-Direttiva 2014/59/UE, l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni huwa l-ammont li jippermetti lill-grupp ta' riżoluzzjoni li jirriżulta minn riżoluzzjoni biex terġa' tinkiseb il-konformità, fost rekwiżiti oħra, mar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni wara l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta. Skont l-Artikolu 45c(3), is-seba' subparagrafu, tad-Direttiva 2014/59/UE, l-ammont neċessarju biex jiġi żgurat li, wara r-riżoluzzjoni, l-entità ta' riżoluzzjoni tkun kapaċi ssostni biżżejjed fiduċja tas-suq għal perjodu xieraq għandu jkun ugwali għar-rekwiżit ta' riżerva kombinat li jkun applikabbli wara l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni, nieqes ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika. L-ammont ta' rikapitalizzazzjoni, inkluż l-ammont meħtieġ biex tiġi sostnuta l-fiduċja tas-suq, hija parti mill-MREL, u jista' jiġi aġġustat 'l isfel jew 'il fuq skont il-paragrafi 3 u 7 tal-Artikolu 45c tad-Direttiva 2014/59/UE biex jirrifletti t-tibdil għall-grupp ta' riżoluzzjoni wara l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stmati biss ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali u r-rekwiżit ta' riżerva kombinat applikati għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni li jintużaw biex jiġi kkalibrat l-MREL. Madankollu, jenħtieġ li dik l-istima tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe aġġustament fl-ammont ta' rikapitalizzazzjoni, inkluż l-ammont meħtieġ biex tinżamm il-fiduċja tas-suq, meta jiġi stabbilit l-MREL skont id-Direttiva 2014/59/UE.

(11) Dan ir-Regolament hu bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni.

(12) L-Awtorità Bankarja Ewropea għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Stima tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali

1. Meta entità ta' riżoluzzjoni ma kinitx soġġetta għal rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jistmaw dak ir-rekwiżit f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 7 biex jiddeterminaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Meta l-iskopertura totali għar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni jvarja b'5 % jew inqas mill-iskopertura totali għar-riskju tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni fil-livell konsolidat tal-grupp bħala stima ta' dak ir-rekwiżit biex jiddeterminaw l-MREL tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

3. Bħala stima tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità li tirrappreżenta l-akbar proporzjon tal-iskopertura totali għar-riskju konsolidata tal-grupp ta' riżoluzzjoni meta japplika dan kollu li ġej:

(a) l-iskopertura totali għar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni jvarja b'aktar minn 5 % mill-iskopertura totali għar-riskju tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp;

(b) l-iskopertura totali għar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni hija daqs, jew tvarja b'anqas minn 5 % mill-iskopertura totali għar-riskju individwali tal-entità li tirrappreżenta l-akbar proporzjon tal-iskopertura totali għar-riskju konsolidata tal-grupp ta' riżoluzzjoni;

(c) ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità li tirrappreżenta l-akbar proporzjon tal-iskopertura totali għar-riskju konsolidata tal-grupp ta' riżoluzzjoni jkun akbar minn żero.

4. Meta l-paragrafi 2 u 3 ma japplikawx u l-ebda waħda mill-entitajiet li huma parti mill-grupp ta' riżoluzzjoni ma tkun soġġetta għal rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali ogħla mir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp, bħala stima tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp, soġġett għall-aġġustamenti msemmija fl-Artikolu 2.

5. Meta l-paragrafi 2 u 3 ma japplikawx, u entità waħda jew aktar li jkunu parti mill-grupp ta' riżoluzzjoni jkunu soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali ogħla mir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw l-ogħla minn dawn li ġejjin bħala stima tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni:

(a) ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp soġġett għall-aġġustamenti msemmija fl-Artikolu 2;

(b) is-somma tal-prodotti tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali tal-entitajiet tal-grupp ta' riżoluzzjoni u l-iskoperturi totali għar-riskju individwali rispettivi ta' dawk l-entitajiet, diviża bis-somma tal-iskoperturi totali għar-riskju individwali ta' dawk l-entitajiet.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, il-punt (b), fejn ma jkun ġie impost l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali fuq entità fuq bażi individwali, ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali ta' dik l-entità għandu jkun żero.

7. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskopertura totali għar-riskju għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fuq bażi individwali jew konsolidata, kif applikabbli.

Artikolu 2

Aġġustamenti għall-istima tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 1(4) u tal-Artikolu 1(5), il-punt (a), l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti rilevanti, jaġġustaw l-istima tagħhom tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni fi kwalunkwe każ minn dawn li ġejjin:

(a) xi riskji jew elementi ta' riskju li biex jiġu koperti ġie impost ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE mhumiex preżenti fil-grupp ta' riżoluzzjoni kkonċernat;

(b) xi riskji jew elementi ta' riskju li biex jiġu koperti ma ġie impost l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE huma preżenti f'dak il-grupp ta' riżoluzzjoni.

2. L-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx isiru meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-awtorità kompetenti u wara li tkun qieset l-informazzjoni pprovduta minn dik l-awtorità kompetenti, tkun ivvalutat li ma hemm l-ebda riskju sinifikanti relatat ma' entitajiet jew attivitajiet tal-grupp li mhumiex parti mill-grupp ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 3

Metodoloġija għall-istima tar-rekwiżit ta' riżerva kombinat tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni

1. L-istima tar-rekwiżit ta' riżerva kombinat tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni għandha tkun is-somma tar-rekwiżiti ta' riżerva msemmija fl-Artikolu 129(1), il-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 131 u l-Artikolu 133(4) tad-Direttiva 2013/36/UE, kif applikabbli, kif stmata f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Bħala stima tar-rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital imsemmija fl-Artikolu 129(1) tad-Direttiva 2013/36/UE għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp.

3. Meta l-entità ta' riżoluzzjoni tkun ukoll l-impriża prinċipali tal-UE, bħala stima tar-rekwiżit ta' riżerva ta' istituzzjoni globali sistemikament importanti (G-SII) imsemmi fl-Artikolu 131(4) tad-Direttiva 2013/36/UE għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' riżerva ta' G-SII impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp.

4. Bħala stima tar-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni sistematikament importanti oħra (O-SII) imsemmi fl-Artikolu 131(5) tad-Direttiva 2013/36/UE għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' riżerva ta' O-SII impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp. Meta r-rekwiżit ta' riżerva ta' O-SII jkun ġie stabbilit ukoll f'livell ta' konsolidazzjoni differenti minn dak fil-livell tal-grupp, biex jistmaw dak ir-rekwiżit, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' riżerva ta' O-SII stabbilit fil-livell tal-konsolidazzjoni li huwa l-eqreb, f'termini tal-iskopertura totali għar-riskju, għall-grupp ta' riżoluzzjoni.

5. Bħala stima tar-rekwiżit ta' riżerva għal riskju sistemiku msemmi fl-Artikolu 133(4) tad-Direttiva 2013/36/UE għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' riżerva għal riskju sistemiku impost fuq l-istituzzjoni prinċipali tal-UE fil-livell konsolidat tal-grupp. Meta tkun ġiet stabbilita riżerva għar-riskju sistemiku wkoll f'livell ieħor ta' konsolidazzjoni milli fil-livell tal-grupp, bħala stima ta' dak ir-rekwiżit l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw ir-rekwiżit ta' riżerva għal riskju sistemiku stabbilit fil-livell ta' konsolidazzjoni li jkun l-eqreb, f'termini tal-iskopertura totali għar-riskju, għall-grupp ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN